MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 16 ta' Mejju 2019**

**Kumpilazzjoni numru 522/2013 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Charles Paul Mifsud**
**(ID: 229388M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Charles Paul Mifsud** talli fil-lejl ta' bejn l-4 ta' Mejju 2013 u l-5 ta' Mejju 2013 ghall-habta tas-1:00hrs gewwa Misrah San Filippu, Haz-Zebbug, Malta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' missieru Carmel Mifsud u/jew persuni ohra, persuna illi ghandha aktar minn sittin sena hekk kif iccertifika Dr. Carlo Refalo;

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgiba tieghu kkaguna biza' lil missieru Carmel Mifsud li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tieghu;

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu;

Akkuzat ukoll talli nhar l-4 ta' Mejju 2013 ghall-habta tat-22:00hrs gewwa Haz-Zebbug (Malta) f'dawn il-gzejjer ingurja u hedded fejn mhux imsemmi band'ohra f'dan il-kodici jew ipprovoka, ingurja b'mod li hareg mil-limiti tal-provokazzjoni lil Carmel Mifsud u/jew persuni ohra;

Ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat tal-komunikazzjoni elettronika ingurja u hedded lil Carmel Mifsud u/jew persuni ohra li ser jaghmel xi reat.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet fis-seduta tal-lum lill-parte civile Carmel Mifsud jaghzel li jirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli u li ma jixhidx kontra l-imputat stante li huwa ibnu;

Rat l-artikolu 401 tal-Kodici Kriminali;

In vista li Carmel Mifsud, il-parti leza, ghazel li ma jixhidx fil-konfront tal-imputat, il-Qorti qieghda tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Charles Paul Mifsud jitqieghed taht att ta' akkuza u ghaldaqstant qieghda tordna l-liberazzjoni tieghu.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur